

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Frar 2019 – Südwestdeutsche Salzwerte vs EUIPO (Bad Reichenhaller Alpensaline)****(Kawża T-69/19)**

(2019/C 112/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet***Rikorrenti:* Südwestdeutsche Salzwerte AG (Heilbronn, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Douglas, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Bad Reichenhaller Alpensaline – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 126 217*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Diċembru 2018 fil-Każ R 412/2018-1**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tordna r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni Nru 17 126 217, sa fejn ġiet miċħuda;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Frar 2019 – DK Company vs EUIPO – Hunter Boot (DENIM HUNTER)****(Kawża T-74/19)**

(2019/C 112/58)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrenti:* DK Company A/S (rappreżentanti: S. Hansen, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Hunter Boot Limited (Edinburgh, ir-Renju Unit)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni “DENIM HUNTER”– Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 649 891

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta’ Novembru 2018 fil-Każ R 849/2018-2

### **Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tibdel id-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti mir-rikorreni.

### **Motiv invokat**

- Il-Bord tal-Appell żbalja meta kkonkluda li teżisti probabbiltà ta’ konfużjoni bejn iż-żewġ trade marks.

---

## **Rikors ippreżentat fit-8 ta’ Frar 2019 – Comune di Milano vs Il-Parlament u Il-Kunsill**

(Kawża T-75/19)

(2019/C 112/59)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### **Partijiet**

*Rikorrent:* Comune di Milano (rappreżentanti: F. Sciaudone, M. Condinanzi u A. Neri, avukati)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-Regolament (UE) 2018/1718 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Novembru 2018 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (“EMA”);
- tiddikkjara d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta’ Novembru 2017 ineffettiva abbażi tal-punt 6 tar-Regoli tal-Proċedura tat-22 ta’ Ġunju 2017;
- tikkundanna lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għall-ħlas tal-ispejjeż ta’ din il-kawża.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba’ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta’ demokrazija rappreżentattiva (Artikolu 10 TUE), fuq il-bilanċ istituzzjonali u l-kooperazzjoni leali (Artikolu 13 TUE), kif ukoll ksur formali essenzjali u tal-Artikolu 14 TUE